13 ta' Mejju, 1955.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmela Azzopardi *versus* Carmelo Azzopardi

**Alimenti — Separazzjoni Personali — Art. 54 tal-Kodiċi Ċivili**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti lill-mara d-dritt għall-alimenti provviżorji fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni ma tapplikax meta l-mara tkun ġa ġiet kanonizzata kreditriċi ta' retta alimentarja stabbilita b'sentenza preċedenti, qabel ma ġiet inoltrata l-kawża tas-separazzjoni.*

*Konsegwentement, il-mara li, wara li tkun ġa otteniet kontra r-raġel sentenza ta' alimenti, tagħmel kawża ta' separazzjoni personali, ma tistax, fil-mori ta' din il-kawża, titlob awment tar-retta alimentarja ġa stabbilita bis-sentenza preċedenti; għax ir-retta alimentarja ġa stabbilita b'sentenza definitiva ma tistax tiġi varjata ħlief b'sentenza oħra definitiva.*

*Fil-każ preżenti, il-mara, li ġa kellha favur tagħha sentenza ta' alimenti f'ċerta rata, għamlet kawża ta' separazzjoni personali, u fil-pendenza tal-kawża talbet awment tar-retta alimentarja kanonizzata favur tagħha bis-sentenza preċedenti. Il-Qorti ta' l-Ewwel*

*Grad akkordat dak l-awment. Il-mara appellat, għax ippretendiet awment f'rata akbar. Il-Qorti ta' l-Appell, b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, iddeċediet li l-awment mitlub ma setax jiġi akkordat, lanqas mill-Ewwel Qorti, u għalhekk ċaħdet l-appell, għalkemm l-awment akkordat bid-digriet appellat kien sejjer jibqa' sħieħ, non ostante l-prinċipju fuq enunċjat, billi r-raġel ma appellax minn dak id-digriet.*

Il-Qorti—Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu, 1955, magħmul quddiem l-Ewwel Qorti, minejn jidher li l-attriċi talbet biex il konvenut jiġi kundannat iħallasha, fil-mori tal-kawża, għaliha u għat-tfal minuri tagħha Giuseppe u Maria Dolores, pensjoni alimentarja f'rata akbar minn dik *stabbilita minn dik* il-Qorti fis-sentenza tas-26 ta' April, 1950, fil-kawża fl-ismijiet bħal din tal-lum;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 1955, li biha ġiet milqugħa t-talba tal-attriċi, fissens li kkundannat lill-konvenut biex provviżorjament, jiġi fieri fil-mori ta' din il-kawża, iħallas lill-attriċi, għaliha u għat-tifla tagħha minuri Maria Dolores, il-pensjoni alimentarja ta' 7s. fil-ġimgħa bħala żieda għal dik li ġiet stabbilita bis-sentenza fil-kawża fuq *imsemmija, spejjeż riżervati;* wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat ir-rikors tal-attriċi quddiem din il-Qorti, fejn talbet li l-imsemmija deċiżjoni tat-22 ta' Marzu, 1955, tiġi riformata, billi l-pensjoni alimentarja stabbilita bħala żieda mill-Ewwel Qorti tiġi awmentata sa dak l-ammont li jidher adegwat għall-mezzi tal-konvenut u għall-bżonnijiet tal-attriċi u bintha; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-26 ta' April, 1950, il-konvenut ġie kundannat iħallas lill-appellanti, għaliha u għat-tifla minuri Dolores, ir-retta alimentarja ta' **£1. 18. 0d.** fil-ġimgħa. **F'din** il-kawża, bit-tielet domanda dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni, l-appellanti qegħdha titlob li l-imsemmija retta alimentarja tiġi awmentata proporzjonata-

ment għall-mezzi attwali tal-konvenut, u, kif jidher mill-verbal fuq imsemmi (fol. 33), talbet li fil-mori tal-kawża tiġi, bħala alimenti provvižorji, awmentata r-rata alimentarja stabbilita minn dik il-Qorti bl-imsemmija sentenza tas-26 ta' April, 1950. L-Ewwel Qorti laqgħet din it-talba, u kkundannat lill-konvenut biex provvižorjament, jiġifieri fil-mori ta' din il-kawża, iħallas lill-attriċi, għaliha u għat-tifla tagħha minuri Maria Dolores, il-pensjoni alimentarja ta' 7s. fil-ġimgħa, bħala żieda għal dik li ġiet stabbilita bis-sentenza tas-26 ta' April, 1950;

*Ikkunsidrat;*

Illi d-deċiżjoni appellata tinsab evidentement bażata fuq l-art. 54 tal-Kodiċi Civili, li jgħid li fil-kors tal-kawża tas-separazzjoni l-mara, attriċi jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar ta' żewġha u titlob somma għall-manteniment skond il-bżonnijiet tagħha u l-mezzi tar-raġel; basta li ma tirrifjutax, mingħajr ġusta kawża, li tmur toqgħod fil-lok, jew li ma titlaqx mil-lok, li jkun għażlilha r-raġel. Din id-dispożizzjoni tal-liġi tapplika għall-każ tal-mara miżżewġa li tabbanduna *d-dar konjugali u li ma tkunx qegħdha tirċievi manteniment* minn għand żewġha; iżda ma tirċevix applikazzjoni fil-każ, bħal dak in eżami, li l-mara tkun ġiet kanonizzata kreditriċi ta' retta alimentarja, stabbilita b'sentenza, minn qabel ma ġiet inoltrata l-kawża ta' separazzjoni. Dik ir-retta alimentarja ġiet stabbilita b'sentenza definitiva, u ma tistax tiġi varjata ħlief b'sentenza definitiva oħra;

Ikkunsidrat;

Illi huwa veru li l-awment ġa dekretat bis-sentenza appellata sejjer jibqa' sħieħ, non ostanti l-prinċipju fuq enunċjat; iżda dwar daqshekk ma hemmx rimedju, għaliex il-konvenut ma appellax, u għalhekk il-prinċipju jista' jiġi affermat biss relativament għall-awment mitlub mill-attriċi b'dan l-appell;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.